MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 27/2012

**Peter Montebello**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali**

Permezz ta' rikors prezentat fid-19 ta' April 2012, l-attur ipremetta u talab:-

*1. Illi dan ir-rikors qed isir konsegwenti ghal proceduri kriminali li gew istitwiti mill-Kummissarju tal-Pulizija kontra r-rikorrent u fejn qed jigu invokati l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 tal-seba' (7) protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni u Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, hawn ukoll "il-Konvenzjoni" jew "il-Konvenzjoni Ewropeja" kif parti mil-ligi domestika permezz tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u specifikament protetta u msemmija fl-ewwel skeda tal-ligi;*

*2. Illi l-fatti fil-qosor huma illi l-esponenti gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta' Ottubru 2010 ghall-habta ta' 15.45 fi Triq Duncan, Marsaxlokk, saq jew waqt li kien qed jaghmel uzu u kellu fit-triq vettura tal-marka "Leyland" registrata bin-numru FAW-971, (1) ghamel uzu minn marka ta' registrazzjoni xort'ohra (ABE-749) minn dik moghtija mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari (2) ghamel uzu u kellu fit-triq vettura tal-marka "Leyland" registrata bin-numru FAW-971 u wahhal pjanci tan-numru ta' registrazzjoni li ma kienux jirreferu jew jappartjenu ghal dik il-vettura partikolari, liema pjanti tan-numru tar-registrazzjoni kienu mahruga ghall-vettura ohra tal-marka 'ERF' registrata bin-numru ABE-749; (3) ghamel uzu minn licenzja ta' vettura bil-mutur partikolari ohra, liema licenzja kienet tappartjeni vettura ohra tal-marka ERF bin-numru tar-registrazzjoni ABE-749 u wzajta fuq il-vettura numru FAW-971 tal-marka 'Leyland'; (4) kellu vettura tal-marka 'Leyland' registrata bin-numru FAW-971 fit-triq, kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuza minghajr licenzja mahruga mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u mgedda kull sena; (5) saq u ghamel uzu minn vettura bil-marka 'Leyland' bin-numru ta' registrazzjoni FAW-971 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta biex tintuza fit-triq;*

*3. Illi b'sentenza tal-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr Saviour Demicoli ta' l-24 ta' Frar 2011, fit-termini tas-sentenza hawn esebita kopja legali, instab hati ta' l-ewwel u l-hames akkuza fuq ammissjoni u b'dan li l-Prosekuzzjoni irtirat it-tieni, tielet u raba' akkuza, ikkundannat lill-esponent multa komplessiva ta' tliet mija u hamsin Euro (€350) u bl-applikazzjoni tal-artikolu 15 (3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, skwalifikat lill-imputat esponenti milli jkollu jew milli jikseb xi licenza tas-sewqan ghal zmien tmient ijiem mid-data tas-sentenza;*

*4. Illi fis-26 ta' Mejju 2011, l-esponenti ngieb quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (Magistrat Dr C Zammit Stafrace) u akkuzat talli f'Ottubru 2010 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjed u minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun baghbas, nehha, biddel jew ghamel numru ta' identifikazzjoni ta' chassis jew magna ta', jew fuq, vettura l-mutur u cioe' biddel in-numru tac-chassis u tal-magna ta' vettura JAF 372;*

*5. Illi huwa ghalhekk manifest illi fuq sostanzjalment l-istess fatti, qed issir it-tieni procedura;*

*6. Illi l-esponenti jissottometti bir-rispett illi t-tieni procedura tivvjola l-protezzjoni mahsuba fl-artikolu 39 (9) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi illi:*

*"Ebda persuna li turi li tkun ghaddiet proceduri quddiem xi qorti kompetenti ghal reat kriminali u jew tkun giet misjuba hatja jew liberata ma ghandha terga' tghaddi proceduri ghal dak ir-reat jew ghal xi reat kriminali iehor li ghalih setghat tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat hlief wara ordni ta' qorti superjuri moghti matul il-kors ta' appell jew proceduri ta' revizjoni dwar iddikjarazzjoni ta' htija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma ghandha tghaddi proceduri ghal reat kriminali jekk turi lit kun hadet il-mahfra ghal dak ir-reat..."*

*Illi inoltre l-procedura tivvjola l-artikolu 4.1 tas-seba' protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja, li jiddisponi hekk:*

*"Artikolu 4 – Id-dritt li persuna ma tigix ipprocessata jew ikkastigata darbtejn*

*1. Hadd ma jista' jkun ipprocessat jew jerga' jigi kkastigat ghal darb'ohra fi procediment kriminali taht il-gurisdizzjoni ta' l-Istess Stat ghal xi reat li dwaru jkun diga' gie finalment liberat jew misjub hati skond il-ligi u l-procedura penali ta' dak l-Istat."*

Għaldaqstant, ir-rikorrent talab lill-qorti sabiex:-

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-tehid ta' proceduri sussegwenti kif fuq spjegat u premess wara li l-esponent instab hati jivvjolaw l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 tas-seba' protocol tal-Konvenzjoni u kif parti mil-ligi domestika ta' Malta u (2) taghti dawk il-provvedimenti u rimedji li jidhrulha xierqa.*

Permezz ta' risposta prezentata fid-9 ta' Mejju 2012, l-intimati wiegbu:-

1. Illi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma gie akkuzat bl-ebda reat iehor;
2. Illi ghaldaqstant ir-rikorrent tressaq quddiem zewg Qrati b'kompetenzi differenti akkuzat b'zewg reati kompletament differenti fuq reati li gew a konjizzjoni tal-Pulizija fi granet differenti;

Il-qorti rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

L-ilment tar-rikorrent hu li meta gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja li f'Ottubru 2010 u xhur ta' qabel *"….. baghbas, nehha, biddel jew ghamel*

*numru ta' identifikazzjoni ta' chassis jew magna ta', jew fuq, vettura l-mutur, u cioe' biddel in-numru tac-chassis u tal-magna ta' vettura JAF372"*, dik it-tieni procedura tilledi:-

i. L-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
ii. L-Artikolu 4(1) tas-seba' protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

Jirrizulta li l-istess rikorrent kien diga' gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, li fil-11 ta' Ottubru 2010 gewwa Triq Duncan, Marsaxlokk, saq jew waqt li kien qieghed juza vettura tal-marka Leyland bin-numru FAW-971:

1. ghamel uzu min-numru ABE-749 li hu differenti min-numru tal-vettura FAW-971;
2. wahhal pjanci ta' numru ta' registrazzjoni li ma kienux jirreferu ghall-vettura FAW-971;
3. ghamel uzu minn licenzja ta' vettura li kienet tappartjeni ghall-vettura tat-tip ERF bin-numru ABE-749 u ntuzat fuq il-vettura FAW-971 tat-tip Leyland;
4. kellu l-vettura ABE-749 ipparkjata fit-triq minghajr licenzja;
5. saq il-vettura FAW-971 minghajr ma kienet licenzjata;

Ir-rikorrent ammetta l-akkuzi numru 1 u 5.

Il-Prosekuzzjoni rtirat l-akkuzi numru 2, 3 u 4. Fl-24 ta' Frar 2011 inghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) [fol. 5] li biha r-rikorrent instab hati u kkundannatu ghall-multa ta' €350. Ir-rikorrent gie wkoll skwalifikat mil-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' tmint (8) ijiem.

M'hemmx dubju li r-reati li taghhom ir-rikorrent instab hati fl-ewwel kawza huma differenti mir-reat mputat fit-tieni kawza.

Skond l-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali:-

*"Wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt ikun suggett ghal kawza ohra".*

L-Artikolu 4 tal-Protokoll numru 7, jipprovdi:

*"No one shall be liable to be tried or punished again in criminal proceedings under the jurisdiction of the same State* ***for an offence for which he has already been finally acquitted or convicted*** *in accordance with the law and penal procedure of that State".*

Ir-reat li bih ir-rikorrent gie akkuzat fit-tieni kaz m'ghandu x'jaqsam xejn mat-tieni kaz. Fis-sentenza tal-Qorti Ewropea **Pirttimaki v Finland**, 10 ta' Mejju 2014[1], saret riferenza ghall-kaz ta' Zolotukhin fejn:

*"Accordingly, the Court took the view that Article 4 of Protocol No. 7 had to be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second "offence" in so far as it* ***arose from identical facts or facts which were substantially the same****. It was therefore important to focus on those facts which constituted a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which had to be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings".*

Fl-ewwel proceduri l-vettura bin-numru JAF 372 qatt ma ssemmiet. Mill-provi rrizulta li:-

i. Fil-11 ta' Ottubru 2010 il-pulizija ghamlet spezzjoni ta' vettura Leyland li kellha pjanci bin-numru ABE 749. Mill-investigazzjoni rrizulta li n-numru ABE 749 kien jappartjeni lill-vettura tat-tip ERF. Ghalhekk il-vettura Leyland kellha pjanci b'numri ta' vettura ohra. L-ghada r-rikorrent kien ha l-vettura tat-tip ERF bin-numru ABE 749 sabiex tigi spezzjonata mill-pulizija (ara affidavits ta' Surgent 853 li gew prezentati fl-ewwel proceduri kriminali, fol. 161 u 163).

ii. Fl-20 ta' Ottubru 2010 saret spezzjoni ohra fuq il-vettura Leyland u rrizulta li kien sar tibdil tan-numru tac-chassis u tal-magna ta' vettura JAF 372. L-Ispettur Anthony Mercieca kien investiga dan it-tieni kaz. Hu xehed li l-ispezzjoni saret fuq l-istess vettura li l-pulizija raw fil-11 ta' Ottubru 2010. Spjega: *"….. mill-ewwel investigazzjonijiet irrizulta illi allegatament dan it-truck kellu n-numru tac-chassis u tal-engine number imbaghbsin b'tali mod illi gie jidher daqs li kieku huwa truck iehor tal-istess ghamla Leyland illi jappartjeni lil Peter Montebello. Fil-fatt irrizultalna illi dak it-truck kien fil-fatt il-JAF 372 u dan irrizulta mill-fatt illi fejn suppost kien hemm ic-chassis number tieghu stampat sibna fil-fatt chassis number proprju minkejja illi kien hemm numri ohra illi kienu gew stampati fuq l-imsemmi chassis u*

[1] Ara wkoll sentenza **Nykanen vs Finland** (11828/11) deciza fl-20 ta' Mejju 2014.

*engine number…"* (fol. 59). Fil-21 ta' Ottubru 2010 ir-rikorrent gie nterrogat u rrilaxxa stqarrija (fol. 111).

Ghalkemm ir-reat jidher li jitratta dwar l-istess oggett, b'daqshekk ma jfissirx li ghandek l-istess fatt. Fir-rigward tat-tieni akkuza din saret wara investigazzjoni gdida li fiha l-pulizija saret taf b'fatt gdid. Fatt li ma kellu x'jaqsam xejn mal-ewwel akkuzi.

L-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi:-

*"Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba hatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri* ***għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat*** *ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat".*

Provvediment li jidher iktar wiesgha mill-Artikolu 4 tas-seba' protokoll tal-Konvenzjoni gialadarba jipprovdi wkoll li persuna m'ghandhiex terga' tghaddi proceduri ghal reat li ghalih setghat tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat. Ghalkemm l-enfazi qeghda fuq il-kelma 'reat', madankollu l-qorti hi tal-fehma li wkoll fir-rigward ta' dan il-provvediment hu mehtieg l-element **tal-istess fatt**. Hekk biss jista' jiftiehem il-kliem li persuna m'ghandhiex terga' tghaddi minn proceduri ghal reat li ghalih *".....setghat tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat".*

Madankollu fil-fehma tal-qorti fil-kaz tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni, hu mehtieg ukoll l-element tal-istess fatti.

Fit-tieni kaz ir-reat kien tibdil ta' numru ta' chassis u numru tal-magna tal-vettura JAF 372. Fatti li m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-ewwel proceduri li ttiehdu kontra r-rikorrent li kienu jitrattaw l-uzu ta' pjanci bin-numru ta' vettura fuq vettura ohra u sewqan minghajr licenzja tal-vettura. Hu veru li t-tahrika dwar l-ewwel kaz inharget fis-16 ta' Dicembru 2010, cjoe' wara li kienet konkluza l-investigazzjoni dwar it-tieni kaz[2]. Ghalhekk ir-raguni tghidlek li l-pulizija messha harget tahrika wahda, pero' 'l fatti xorta jibqghu differenti. Fatti li qatt ma gew ikkunsidrati fl-ewwel kawza li giet deciza fl-24 ta' Frar 2011.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu**.

---

[2] L-Avukat Generali m'ghandux ragun meta qal li meta r-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, il-pulizija *'..... ma kellhom l-ebda hjiel tat-tieni reat u fil-fatt m'akkuzawhx bih'* (fol. 15).

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------